SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 05
28 ta' April 2014

MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

**Corporate sponsor:**

vodafone

# Għajnuna għal min jinsab f'diffikulta' …

Merħba,

Din hi il-ħames pubblikazzjoni ta' dan il-fuljett. Iż-żmien igerbeb, u ma jistenna lil ħadd. L-*SME Helpdesk* tal-MEA daqt ser ikun ilu imwaqqaf ħames xhur. Kienu xhur ta' ħidma kontinwa, sabiex l-Assoċjazzjoni tistabilixxi servizz ġdid li jkun jista jgħin aħjar lis-settur tan-negozji żgħar.

Bħalissa dan il-fuljett qed jintbagħat lil aktar minn 900 sit elettroniku, ta' employers sidien ta' negozji żgħar, jew persuni li huma *self employed*. F'dawn l-aħħar xhur saru laqgħat importanti ma' Awtoritajiet u entitajiet regolatorji, sabiex b'hekk l-Assoċjazzjoni ikollha f'idejha l-aħħar informazzjoni dwar żviluppi u tibdil li jseħħu fil-liġijiet li jirregolaw l-attivita' kummerċjali u industrijali ta' pajjiżna.

Tajjeb li nerġa infakkarkom, li bħala MEA, minn żmien għal żmien, fuq bażi regolari, nieħdu ħsieb norganiżaw *courses* specjalizzati, u hekk kif ikkomunikajt magħkom fil-ħarġa li għaddiet, appuntu bħalissa qed jiġu organiżati tlieta minnhom. Illum tajjeb ninfurmakom li minħabba id-domanda qawwija li kellna, il-kors dwar ***Employment: Fiscal and Practical Considerations***, ser ikun qed jerġa jiġi organizzat f'Mejju li ġej. Kull min jixtieq jattendi għal dan il-kors hu mitlub li jikkuntattjana minnufih. (flimkien ma' dan il-fuljett qed nibgħatilkom anness, aktar informazzjoni dwar dan il-kors interessanti).

Fi ftit tal-ġimgħat oħra, l-MEA permezz tal-*SME Helpdesk*, ser tagħti bidu għal eżerċizzju ta' stħarriġ fost sidien ta' negozji żgħar, dwar x'inhuma eżattament il-problemi li huma qed jaffaċċjaw, u kif l-MEA tista' tkun ta' għajnuna għalihom.

Dan l-eżerċizzju ser ikun immirrat l-aktar lejn dawk in-negozji li bħalissa iħossuhom sejrin ħażin, u li jixtiequ xi forma ta' gwida. L-MEA mhix ser tkun qed ittihom is-soluzzjoni għal-problemi tagħhom, iżda ser tkun qed taħdem sabiex tistabilixxi x'inhuma dawk il-problemi komuni, u tipprova toħloq veikolu speċjali sabiex jipprovdi mezzi rimedji, u

assistenza. Minn dan il-fuljett nixtieq inwassal l-appell tiegħi, sabiex jekk inti tikkunsidra lilek innifsek bħala *employer,* li taqa' taħt din il-kategorija (ta' negozji li mhux sejrin tajjeb) nistiednek sabiex tagħmel kuntatt magħna minnufih.

Nagħlaq dan il-ħames komunikat magħkom, l-*employers* sidien ta' negozji żgħar, billi nappellalkom sabiex ma tiddejqux tagħmlu kuntatt magħna, kull meta tħossu il-ħtiega.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina li qegħdin nirċievu numru mdaqqas ta' telefonati fuq il-help line: 21222006 li waqqafna għan-negozji iż-żgħar.

Ippermettuli infakkarkom ukoll li il-bibien ta' l-MEA huma dejjem miftuħa għalikom, jekk ġa la darba intom tiddeċiedu li tissieħbu magħna bħala membri.

Dan tistgħu tagħmluh billi, tibghatu email fuq anton.vella@maltaemployers.com jew admin@maltaemployers.com




***Course: Employment - Fiscal and Practical Considerations***

inkella iċċemplu fuq in-numri tat-telefon tal-uffiċċju li huma 21222992 / 21237585, jew tħallu isimkom u t-telefon tagħkom fejn inkunu nistgħu nikkuntattjawkom, fuq it-24/7 *helpline answering machine* 21222006.

Grazzi u tislijiet

Anton

Anton Vella
*SME Helpdesk Executive*

*Dan l-ispazju jista jiġi utilizżat minnkom l-employers, sidien ta' negozji żgħar, li tkunu tixtiequ tirreklamaw is-servizzi jew prodotti tagħkom, ma' dawk kollha li jirċievu dan il-fuljett.*

*Jekk fil-ħarġa li jmiss tixtieq li dan l-ispazju ikun utilizzat minnek, u tikkontribwixxi permezz ta' reklam, jekk jogħġbok ikkuntatjani sabiex fuq bażi ta' first come first served inkun nista' nirriservah għalik.*

*Grazzi bil-quddiem.*

*Anton*